MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1534/2001/1

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Angelo sive Angel Attard**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-bank attur fl-14 ta` Settembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-14 ta` Frar, 2001 sar *"hold-up"* mal-Branka tal-Marsa tal-Bank attur li fiha insteraq l-ammont ta` flus in parti f`valuta Maltija u in parti f`valuta Estera li bir-rata tal-kambju f`dik il-gurnata jammonta globalment ghal tnejn u tletin elf erba` mija u disghin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm32,490.93,0);

Il-konvenuti flimkien ma haddiehor kien involut fl-imsemmija serqa kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza u kif ukoll ammetta l-istess konvenut mal-Ufficjali tal-Pulizija li kienu jinvestigaw il-kaz;

Bhala rizultat tal-imsemmi Hold-up il-Bank attur sofra danni konsistenti fic-cahda tal-uzu tal-flus misruqa li a termini tal-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jissarfu f`imghax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-Hold-up;

Ghalhekk il-konvenut hu obbligat illi jirrestitwixxi lill-Bank attur l-imsemmija somma ta` Lm32,490.90,0 u jindennizzah ghad-danni li sofra;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1) m`ghandux jigi dikjarat minn dina l-Qorti illi huwa responsabbli li jhallas l-imsemmija somma ta` Lm32,490.90,0 minnu misruqa fil-Hold-up fuq imsemmi, kif qabel spjegat kif ukoll id-danni kagunati konsistenti fl-imghax tat-8% fis-sena fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-Hold-up kif qabel imsemmi sal-pagament effettiv;

2) konsegwentement il-konvenut jigi kundannat minn dina l-Qorti jhallas lill-Bank attur is-somma fuq imsemmija flimkien mal-imghax kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 2587/01 u tal-Mandati ta` Sekwestru numri 2589/01 u 2590/01 u tal-Mandat ta` Qbid numru 2588/01 kontra l-istess konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Qabel xejn is-socjeta` attrici trid tipprova li sofriet telf fl-ammont pretiz minnha u taghti rendikont ta` kif waslet ghall-istess ammont;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-hlas tas-somma mitluba;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mit-tieni (2) premessa tas-socjeta` attrici stess jirrizulta li kien hemm terzi involuti fil-*“hold-up”* u ghalhekk dawn ghandhom ikunu parti mill-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fl-14 ta` Frar, 2001, ghal-habta tad-9.30am saret serqa minn erba` min-nies, wicchom mghotti mill-*branch* li l-bank attur ghandu gewwa l-Marsa; wiehed minn dawk l-irgiel kellu arma tan-nar. Mis-serqa jirrizulta li l-ammont mehud kien ta` Lm32,490.93, f`denominazzjoni fi flus Maltin u esteri. Il-Pulizija investigaw il-kaz, u irnexxielhom jiehdu l-marki tas-swaba minn fuq il-post. Gew arrestati xi nies u l-Pulizija hadet passi kriminali, in konnessjoni ma din is-serqa, kontra certu Aiello Santo, li hu ta` nazzjonalita` taljana, u kontra l-konvenut. L-imsemmi Aiello Santo ammetta, anke quddiem din il-Qorti, li hu kien ippartecipa flimkien ma persuni ohra fis-serqa in kwistjoni. Hu kien ammetta l-involviment tieghu anke quddiem il-Qorti Kriminali, li kienet sabitu hati tal-akkuza u kkundannatu ghal-prigunerija ghal perjodu ta` hames snin. Dan ix-xhud qatt ma zvela l-ismijiet ta` dawk li maghhom kien ippartecipa fir-reat.

Mix-xhieda ta` ufficcjali tal-Pulizija jirrizulta li anke l-konvenut kien ametta l-involviment tieghu fis-serqa; fil-fatt, il-konvenut, anke quddiem il-Qorti Kriminali, mil-ewwel ammetta l-akkuza, izda l-kaz tieghu ma giex deciz mil-ewwel peress li tressqu provi u saret trattazzjoni rigward il-piena. Fil-fatt, fil-konfront tal-konvenut, il-Qorti Kriminali tat is-sentenza taghha fid-29 ta` April, 2005. Dik il-Qorti, fis-sentenza taghha, irrilevat li l-konvenut kien ammetta l-involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni kemm fl-istqarrija li irrilaxxja lill-Pulizija, kif ukoll meta iddepona quddiema. Fil-kuntest tal-involviment tal-konvenut fis-serqa in kwistjoni, l-Qorti Kriminali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fuq ix-xhieda tieghu:

*"Ghalhekk fil-konfront tal-hold up li sar fuq l-HSBC qal li cempillu Natale li avzah li kellhom jiltaqghu fil-ghodu biex jaghmlu din is-serqa. Fil-ghodu marru ghalih b`van mikri u Natale u Taljan iehor nizlu, l-iehor mar igib karozza ohra. Huma t-tlieta dahlu l-bank, tkellem hu bil-Malti, tant li jghid li qal id-diskors "Hadd ma jiccaqlaq u ma jmiss xejn" (a fol. 20 tal-Process Verbal a fol 92 tal-process) serqu l-flus u telqu 'l barra. Sehmu minn din is-serqa kienet ta` bejn hames u sitt elef liri Maltin. Ma kienx jaf jghid x`sar mill-arma tas-suldat li nsterqet fl-istess hold up. Lanqas ma kien jaf jghid l-isem taz-zewg Taljani l-ohrajn involuti mieghu u ma` Natale fil-holdup. Kien jaf pero` li wiehed minnhom kien miet u sussegwentement gie sostitwit b`Taljan iehor"*.

Il-persuna indikata bl-isem Natale, ma hu hadd hlief il-Taljan Aiello Santo, peress li dik il-persuna kienet maghrufa wkoll b`dak l-isem. Wara li qieset ic-cirkustanzi tal-kaz, il-Qorti ikkundannat lill-konvenut ghal-piena karcerarja ta` sitt snin.

Dwar ir-referenza li din il-Qorti ghamlet ghal-proceduri kriminali, tajjeb li issir referenza ghal-kawza "Briffa vs Abela", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Marzu, 2003, fejn intqal hekk a propositu:

*"Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Paolo Abela vs Antonio Bonnici et noe"**, Prim`Awla, 23 ta` Jannar, 1958 illi "ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f`kawza civili ta` kopja ta` sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti.";*

*Dan l-insenjament jaghmel riklam ghal dak traccjat fid-decizjoni ta` din il-Qorti fl-ismijiet **"Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar"**, 1 ta` Dicembru, 1955 fejn jinghad a propozitu dan:-*

*"Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta` l-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi ta` l-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk ta` l-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta` attendibilita` taghhom u ta` l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista` tigi prodotta f`kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza ta` l-Artikolu 627(e) tal-Kap. 12". F`dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (**Vol. VI P I p 143** u **Vol. XXVII P I p 617**).*

*Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero` hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12);*

*Difatti bhala proposizzjoni dottrinali rakkolta mil-**Laurent**, "si ritiene che il giudice civili puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale" (**"Carmelo Xuereb et vs Giovanni Micallef et"**, Appell Civili, 26 ta` Novembru, 1923"*.

Fil-kawza <u>"Caruana vs Ministru tal-Ambjent et"</u>, deciza minn din l-istess Qorti fis-7 ta` Lulju, 2004, intqal ukoll illi:

*"Ghal kull buon fini jinghad li dina l-Qorti, fil-kawza* *<u>"Carbonara vs Ryan"</u>, deciza fit-28 ta` Jannar, 2004, osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant f`process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali, u fil-fatt jinghad ukoll li fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f`kawza civili ta` kopja ta` sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (Vol. XXV.I.689; Vol. XXXIX.II.768). Ovvjament, minhabba l-indipendenza ta` l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni".*

Il-konvenut kien ressaq appell mis-sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali limitatament fuq il-piena stabbilita. Quddiem dik l-Onorabbli Qorti ikkonferma r-responsabilita` tieghu ghal dak li gara, u ressaq bhala skuzanti l-immaturita` tieghu ta` dak iz-zmien (hu kellu 23 sena meta sehh l-incident). Dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, pero`, b`sentenza tat-23 ta` Gunju, 2005, ma laqghetx l-appell tal-konvenut u ikkonfermat il-piena ta` sitt snin prigunerija erogata mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti m`ghandha ebda esistazzjoni li tinkonkludi, anke mill-provi prodotti f`din il-kawza, li l-konvenut kien wiehed mill-persuni involuti fis-serqa in kwistjoni. Flimkien ma certu Aiello Santo u persuni ohra mhux maghrufa, il-konvenut wettaq serqa fil-*branch* tal-HSBC Bank Malta plc gewwa l-Marsa. Ai termini tal-artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili, il-konvenut ghandu, allura, jigi kkundannat jirrifondi l-flus li seraq, bl-imghax ta` 8% fis-sena mid-data tas-serqa, id-data li fiha huwa tellef lill-Bank mill-uzu ta` dawk il-flus.

Il-konvenut isostni li ma kienx wahdu meta wettaq ir-reat, u m`ghandux jigi mitlub ihallas is-somma kollha misruqa. Dwar dan l-argument, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili li jiddisponi li *"meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta` dik il-hsara hija in solidum"*. Hu fatt li l-persuni kollha li ppartecipaw f`din is-serqa agixxew b`dolus u riedu volontarjament u bi hsieb

jaghmlu hsara lill-Bank attur li, anke bhala depozitarju, ghandu obbligu ta` kustodja u li jrodd lura l-flus lid-depozitant, skond it-termini tad-depozitu.  Il-Bank attur, ghalhekk, ghandu interess jirkupra l-flus li insterqulu, u ghandu dritt jinsisti fuq is-solidarjeta` la darba jirrizulta li l-hsara li hu sofra sehhet b`rizultat ta` agir doluz (ara "Magro vs Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta` April, 1960).  L-ammont tad-danni gie debitament ippruvat mill-Bank attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta` Lm32,490.90 (tnejn u tlettin elf, erba` mija u disghin liri Maltin u disghin centezmu), bl-imghax legali ta` 8% mill-14 ta` Frar, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------